

32002L0024

L 124/1

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

9.5.2002

**ID-DIRETTIVA 2002/24/KE TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL****tat-18 ta' Marzu 2002****li għandha x'taqsam ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/61/KEE****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali <sup>(2)</sup>,

Waqt li jaġixxu skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 251 tat-Trattat <sup>(3)</sup>,

Billi:

- (1) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/61/KEE tat-30 ta' Ġunju 1992 li tirrelata għall-approvazzjoni tat-tip ta' għal vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta <sup>(4)</sup>, stabbilitet proċedura għall-approvazzjoni tat-tip Komunitarja ta' għal vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta, ta' komponenti u ta' unitajiet tekniċi separati prodotti in konformità mal-ħtiġiet tekniċi stabbiliti f'direttivi separati.
- (2) Id-Direttivi separati kollha, previsti fil-lista kompleta ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati li għandha tiġi rregolata flivell Komunitarju, ġew adottati.
- (3) Il-bidu ta' l-applikazzjoni tad-Direttiva 97/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 1997 dwar ċerti komponenti u karatteristiċi ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta <sup>(5)</sup> tippermetti li l-proċedura ta' l-approvazzjoni tat-tip tiġi applikata b'mod komplet.

<sup>(1)</sup> ĠU C 307 E, tas-26.10.1999, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU C 368, ta' l-20.12.1999, p. 1.

<sup>(3)</sup> Opinjoni tal-Parlament Ewropew tas-27 ta' Ottubru 1999 (ĠU C 154, tal-5.6.2000, p. 50), il-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 2001 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali) u d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew tal-5 ta' Frar 2002 (għadha mhux ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

<sup>(4)</sup> ĠU L 225, ta' l-10.8.1992, p. 72. id-Direttiva kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 2000/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 106, tat-3.5.2000, p. 1).

<sup>(5)</sup> ĠU L 226, tat-18.8.1997, p. 1.

- (4) Huwa neċessarju b'mod ċar, sabiex is-sistema ta' l-approvazzjoni tat-tip tista' taħdem sewwa, li jiġu kjarifikati ċerti istruzzjonijiet amministrattivi u li jiġu supplimentati n-normi li jinstabu fl-annessi mad-Direttiva 92/61/KEE. B'dan l-iskop, huwa neċessarju li jiġu introdotti normi armonizzati li jikkonċernaw, b'mod partikolari, l-enumarar ta' ċertifikati ta' l-approvazzjoni tat-tip kif ukoll eżenzjonijiet għal vetturi ta' l-aħħar tas-serje u għal vetturi, komponenti u unitajiet tekniċi separati li jinkorporaw teknoloġiji li għadhom mhumiex koperti b'arranġamenti Komunitarji, bil-mod tan-normi analogi tad-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom <sup>(6)</sup>.

- (5) B'kont meħud ta' teknoloġiji stabbiliti korrentement, l-eżami tal-komponenti u l-karatteristiċi tal-vetturi msemmija rriżulta fiż-żamma biss ta' dawk stabbiliti fl-Anness I ma' din id-Direttiva ladarba l-oħrajn kollha mhumiex adatti għal skopijiet regolatorji. Madankollu, in vista tal-progress u l-iżviluppi fit-teknoloġija, jkun xieraq li jiġu eżaminati komponenti u karatteristiċi ulterjuri, b'mod partikolari dawk li jirrelataw għal sigurtà sekondarja, li għandhom jiżdiedu ma' dawk diġà elenkati fl-Anness I imsemmi.

- (6) Il-proċedura Komunitarja ta' approvazzjoni hija maħsuba sabiex kull Stat Membru jkun jista' jikkonferma li kull tip ta' vettura tkun għaddiet mill-kontrolli previsti fid-direttivi separati u ingħatalu ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip. Hija wkoll maħsuba sabiex manifatturi jkunu jistgħu jippreparaw ċertifikat ta' konformità għall-vetturi kollha li jikkonformaw mat-tip li ġie approvat. Meta vettura jkollha maġħha dan iċ-ċertifikat tista' jitqiegħed fis-suq, tinbiegħ u tiġi rreġistrata għall-użu fil-Komunità kollha.

- (7) Ladarba l-miri biex jitjeb il-funzjonament tas-sistema Komunitarja ta' approvazzjoni tal-vettura skond it-tip ma tistax tintlaħaq b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri

<sup>(6)</sup> ĠU L 42, tat-23.2.1970, p. 1. Id-Direttiva kif l-aħħar emendata mill-Parlament Ewropew u bid-Direttiva tal-Kunsill 2000/40/KE (ĠU L 203, ta' l-10.8.2000, p. 9).

individwalment u għalhekk jistgħu, minħabba l-iskala u l-impatt tal-miżuri proposti, jintlaħqu aħjar flivell Komunitarju, il-Komunità tista' tadotta miżuri skond il-prinċipju ta' sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat. Skond il-prinċipju ta' proporzjonalità kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li hu neċessarju sabiex jintlaħqu dawk il-miri.

- (8) Il-miżuri neċessarji għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandhom jiġu adottati skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat ta' implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni <sup>(1)</sup>.
- (9) Għal raġunijiet ta' ċarezza huwa tajjeb li d-Direttiva tal-Kunsill 92/61/KEE titħassar u tiġi sostitwita b'din id-Direttiva,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

## IL-KAPITOLU I

### Il-kamp ta' applikazzjoni u d-definizzjonijiet

#### Artikolu 1

1. Din id-Direttiva tapplika għall-vetturi kollha vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta, kemm jekk rota doppja jew xort' oħra, maħsuba għall-ivvjaġġar fit-triq, u għall-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati ta' dawn il-vetturi.

Din id-Direttiva ma tapplikax għall-vetturi li ġejjin:

- (a) vetturi b'veloċità massima ddisinjata li ma teċċedix 6 km/siegħa;
- (b) vetturi maħsuba għal kontroll minn operatur fuq l-art;
- (ċ) vetturi maħsuba għal użu minn dawk b'diżabilità fiżika;
- (d) vetturi maħsuba għal użu f'kompetizzjoni, fit-toroq jew f'kondizzjonijiet *off-road*;
- (e) vetturi diġà wżati qabel id-data ta' applikazzjoni tad-Direttiva 92/61/KEE;
- (f) tratturi u makkinarju, wżati għal skopijiet agrikoli jew simili;
- (g) vetturi maħsuba primarjament għal użu għal divertiment *off road* li għandhom ir-roti rranġati simmetrikament b'rota waħda lejn 'il quddiem tal-vettura u tnejn fuq wara;
- (h) roti b'assistenza tal-pedali li huma mgħammra b'mutur elettriku awżiljarju li għandu qawwa kontinwa massima stmata ta' 0,25 kW, li tiegħu il-produzzjoni hi progressivament

imnaqqsa u fl-aħħar maqtugħa kif il-vettura tilħaq veloċità ta' 25 km fis-siegħa, jew iktar malajr, jekk iċ-ċiklist ma jibqax jippedala,

lanqas għall-komponenti jew l-unitajiet tekniċi tagħhom sakemm ma jkunux maħsuba sabiex jiġu armati ma' vetturi koperti b'din id-Direttiva.

Ma tapplikax għall-approvazzjoni ta' vetturi singoli ħliet li Stati Membri li jagħtu dawn l-approvazzjonijiet għandhom jaċċettaw kwalunkwe approvazzjoni tat-tip ta' komponenti u unitajiet tekniċi separati mogħtija taħt din id-Direttiva minflok taħt il-ħtiġiet nazzjonali rilevanti.

2. Il-vetturi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu suddiviżi f:

- (a) ċiklomuturi, jiġifieri vetturi b'żewġ roti (kategorija L1e) jew vetturi bi tlett roti (kategorija L2e) b'veloċità massima maħsuba ta' mhux iktar minn 45 km/siegħa u karatterizzati b':

(i) fil-każ tat-tip b'żewġ roti, magna li:

— l-kapaċità ċilindrika tagħha ma teċċedix 50 cm<sup>3</sup> fil-każ tat-tip b'kombustjoni interna, jew

— l-qawwa stma kontinwa massima mhijiex iktar minn 4kW fil-każ ta' mutur elettriku;

(ii) fil-każ tat-tip bi tlett roti, magna li:

— l-kapaċità ċilindrika tagħha ma teċċedix 50 cm<sup>3</sup> jekk tat-tip ta' *ignition bl-spark* (pożittiva), jew

— il-produzzjoni tal-qawwa massima netta ma teċċedix 4 kW fil-każ ta' magni oħra ta' kombustjoni interna, jew

— il-qawwa stmata kontinwa massima ma teċċedix 4kW fil-każ ta' mutur elettriku;

- (b) muturi, jiġifieri vetturi b'żewġ roti mingħajr vagun fil-ġenb (kategorija L3e) jew b'vagon fil-ġenb (kategorija L4e), armati b'magna b'kapaċità ċilindrika ta' iktar minn 50 cm<sup>3</sup> jekk tat-tip ta' kombustjoni interna u/jew li għandhom veloċità massima ddisinjata ta' iktar minn 45 km fis-siegħa,

- (ċ) triċikli bil-mutur, jiġifieri vetturi bi tlett roti rranġati b'mod simmetriku (kategorija L5e) armati b'magna ta' kapaċità ċilindrika ta' iktar minn 50 cm<sup>3</sup> jekk tat-tip ta' kombustjoni interna u/jew b'veloċità massima ddisinjata ta' iktar minn 45 km fis-siegħa.

3. Din id-Direttiva għandha tapplika wkoll għal kwadriċikli, jiġifieri vetturi bil-mutur b'erba roti li għandhom il-karatteristiċi li ġejjin:

- (a) kwadriċikli ħfief b'massa meta mhux mghobbja li mhijiex iktar minn 350 kg (kategorija L6e), mhux inkluża l-massa tal-batteriji fil-każ ta' vetturi elettriċi, li l-veloċità massima ddisinjata tagħhom mhijiex iktar minn 45 km fis-siegħa, u

<sup>(1)</sup> ĠU L 184, tas-17.7.1999, p. 23.

- (i) li l-kapaċità ċilindrika tal-magna tagħhom ma teċċedix 50 cm<sup>3</sup> għal magni li jaqdbu bl-*spark* (pożittiva), jew
- (ii) li l-produzzjoni massima netta tagħhom ma teċċedix 4 kW fil-każ ta' imaġni oħra ta' kombustjoni interna, jew
- (iii) li l-qawwa stmata kontinwa massima tagħhom ma teċċedix 4 kW fil-każ ta' mutur ta' l-elettriku.

Dawn il-vetturi għandhom jissodisfaw il-ħtiġiet tekniċi applikabbli għal ċiklomuturi bi tliet roti tal-kategorija L2e sakemm mhux speċifikat b'mod differenti fi kwalunkwe waħda mid-direttivi separati;

- (b) kwadriċikli, barra minn dawm imsemmija f' (a), li l-massa mhux mgħobbija tagħhom mhijex iktar minn 400 kg (kategorija L7e) (550 kg għal vetturi maħsuba għat-trasport tal-merkanzija), mhux inkluża l-massa ta' batteriji fil-każ ta' vetturi elettriċi, u li l-qawwa massima netta tal-magna tagħhom ma teċċedix 15 kW. Dawn il-vetturi għandhom jiġu kkunsidrati li huma triċikli bil-mutur u għandhom jissodisfaw il-ħtiġiet tekniċi applikabbli għal triċikli bil-mutur tal-kategorija L5e sakemm mhux speċifikat b'mod differenti fi kwalunkwe mid-Direttivi separati.

## Artikolu 2

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva:

1. "tip ta' vettura" tfisser jew vettura jew grupp ta' vetturi (varjanti) li:
  - (a) jappartjenu għal kategorija waħda (ċiklomutur b'żewġ roti L1e, ċiklomutur bi tliet roti L2e, eċċ., kif definit fl-Artikolu 1);
  - (b) huma mibnija mill-istess manifattur;
  - (c) għandhom l-istess *chassis*, qafas, subqafas, l-qiegħ jew struttura li magħha huma mqabbda l-komponenti maġġuri;
  - (d) għandhom unità ta' enerġija bl-istess prinċipju ta' operazzjoni (kombustjoni interna, elettriku, ibridu, eċċ.);
  - (e) għandhom l-istess deskrizzjoni tat-tip mogħtija mill-manifattur.

Tip ta' vettura tista' tinkludi varjanti u verżjonijiet;

2. "varjanti" tfisser jew vettura jew grupp ta' vetturi (verżjonijiet) li jkunu ta' l-istess tip meta:
  - (a) għandhom l-istess forma tal-karozzerija (karatteristiċi bażiċi);

- (b) fil-grupp ta' vetturi (verżjonijiet) id-differenza fil-massa f'kundizzjoni ta' sewqan bejn il-valur l-iktar baxx u l-ogħla valur ma teċċedix 20 % tal-valur l-iktar baxx;
- (c) fil-grupp ta' vetturi (verżjonijiet) id-differenza fil-massa massima permissibbli bejn il-valur l-iktar baxx u l-ogħla valur ma teċċedix 20 % tal-valur l-iktar baxx;
- (d) għandhom l-istess ċiklu ta' operazzjoni (b'żewġ *stroke* jew b'erba' *strokes*, *ignition* bl-*spark* jew *ignition* bil-kompressjoni);
- (e) fil-grupp ta' vetturi (verżjonijiet) id-differenza fil-kapaċità taċ-ċilindru ta' l-unità tal-qawwa (fil-każ ta' unità ta' kombustjoni interna) bejn il-valur l-iktar baxx u l-ogħla valur ma jeċċedix 30 % tal-valur l-iktar baxx;
- (f) għandhom l-istess numru u arranġament ta' ċilindri;
- (g) fil-grupp ta' vetturi (verżjonijiet) id-differenza fil-produzzjoni ta' qawwa ta' l-unità ta' qawwa bejn il-valur l-iktar baxx u l-ogħla valur ma teċċedix 30 % tal-valur l-iktar baxx;
- (h) għandhom l-istess mod ta' operazzjoni (ta' muturi ta' l-elettriku);
- (i) għandhom l-istess tip ta' *gearbox* (manwali, awtomatiċi eċċ.);

3. "verżjoni" tfisser vettura ta' l-istess tip u varjanti imma li tista' tinkorpora kwalunkwe mit-tagħmir, komponenti jew sistemi elenkati fid-dokument ta' informazzjoni fl-Anness II sakemm ikun hemm biss:

- (a) valur wieħed ikkwotat għal:
  - (i) il-massa f'kundizzjoni ta' sewqan;
  - (ii) il-massa massima permissibbli;
  - (iii) il-produzzjoni ta' qawwa ta' l-unità ta' qawwa;
  - (iv) il-kapaċità ċilindrika ta' l-unità ta' qawwa; u
- (b) sett wieħed ta' riżultati ta' test ikkwotat skond l-Anness VII;

4. "sistema" tfisser kwalunkwe sistema ta' vettura bħall-brejkijiet, it-tagħmir għall-kontroll ta' emissjoni, eċċ. li hi soġġetta għall-ħtiġiet stabbiliti fi kwalunkwe mid-direttivi separati;

5. "unità teknika separata" tfisser mezz, bħal *silencer* ta' sostituzzjoni tas-sistema ta' l-*exhaust*, soġġett għall-ħtiġiet ta' direttiva separata, maħsub li jkun parti minn vettura, li jista' jin-għata l-approvazzjoni tat-tip separatament imma biss f'relazzjoni ma' tip wieħed jew iktar speċifikat ta' vetturi, meta d-direttiva separata tagħmel proviżjoni espressa biex dan isir;

6. "komponent" ifisser mezz, bħal fanal, soġġett għall-ħtiġiet ta' direttiva separata, maħsub li jkun parti minn vettura, li jista' jingħata l-approvazzjoni tat-tip indipendentement minn vettura, meta d-direttiva separata tagħmel proviżjoni espressa biex dan isir;
7. "approvazzjoni tat-tip" tfisser il-proċedura li permezz tagħha Stat Membru jiċċertifika li tip ta' vettura, sistema, unità teknika separata jew komponent jissodisfaw il-ħtiġiet tekniċi stabbiliti f'din id-Direttiva jew fid-direttivi separati u l-kontrolli dwar il-korrettezza tad-*data* tal-manifattur, kif previst fil-lista kompleta stabbilita fl-Anness I;
8. "roti doppji" jfisser żewġ roti mmuntati fuq l-istess fus, bid-distanza bejn iċ-ċentri taż-żoni tagħhom ta' kuntatt ma' l-art tkun inqas minn 460 mm. Roti doppji għandhom jiġu kkunsidrati bħala rota waħda;
9. "vetturi bi propulsjoni doppja" tfisser vetturi b'żewġ sistemi differenti ta' propulsjoni, per eżempju sistema elettrika u sistema termika;
10. "manifattur" ifisser il-persuna jew il-korp responsabbli lejn l-awtorità ta' approvazzjoni għall-aspetti kollha tal-proċess ta' l-approvazzjoni tat-tip u għall-assigurazzjoni tal-konformità tal-produzzjoni. Mhuwiessenzjali li l-persuna jew il-korp ikunu involuti b'mod dirett fl-istadji kollha ta' kostruzzjoni tal-vettura, komponent jew unità teknika separata koperti bil-proċess ta' approvazzjoni;
11. "servizz tekniku" jfisser l-organizzazzjoni jew il-korp li jkunu nħatru bħala laboratorju ta' ttestjar sabiex iwettqu testijiet jew ispezzjonijiet għan-nom ta' l-awtorità ta' approvazzjoni ta' Stat Membru. Din il-funzjoni tista' wkoll titwettag mill-awtorità ta' approvazzjoni nfisha.

## IL-KAPITOLU II

### Proċeduri biex tingħata l-approvazzjoni tat-tip

#### Artikolu 3

Applikazzjonijiet għal approvazzjoni tat-tip għandhom jiġu sottomessi mill-manifattur lill-awtorità ta' approvazzjoni ta' Stat Membru. Għandu jkun hemm magħhom dokument ta' informazzjoni, li mudell tiegħu, għal skopijiet ta' approvazzjoni tat-tip ta' vettura hu stabbilit fl-Anness II u, għal skopijiet ta' approvazzjoni tat-tip ta' sistemi, unitajiet tekniċi separati jew komponenti, jinstab f'annex jew appendiċi għad-direttiva ta' sistema, unità teknika separata jew komponent in kwistjoni, u wkoll mid-dokumenti l-oħra msemmija fid-dokument ta' informazzjoni. Applikazzjonijiet għal tip partikolari ta' vettura, sistema, unità teknika separata jew komponent jistgħu jiġu sottomessi lil Stat Membru wieħed biss.

#### Artikolu 4

1. Kull Stat Membru għandu jagħti approvazzjoni tat-tip lit-tipi kollha ta' vetturi, sistemi, unitajiet tekniċi separati jew komponenti jekk dawn jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

- (a) it-tip ta' vettura tissodisfa l-ħtiġiet tekniċi tad-direttivi separati u hija deskritta mill-manifattur skond id-*data* prevista fil-lista kompleta stabbilita fl-Anness I;
- (b) is-sistema, l-unità teknika separata jew il-komponent jissodisfaw il-ħtiġiet tekniċi tad-direttiva separata rilevanti u hi kif deskritt mill-manifattur skond id-*data* prevista fil-lista kompleta stabbilita fl-Anness I

2. Qabel ma jwettqu approvazzjoni tat-tip, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru li jwettqu dawn l-operazzjonijiet għandhom jieħdu l-passi kollha neċessarji sabiex jassiguraw, jekk neċessarju f'kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru fejn issir il-fabbrikazzjoni jew il-prodott jingiebi fil-Komunità, li hemm konformità mad-dispożizzjonijiet ta' l-Anness VI sabiex il-vetturi, sistemi, unitajiet tekniċi separati jew komponenti ffabbrikati ġodda, mqiegħda fis-suq, offerti għall-bejgħ jew imdaħħla fis-servizz, jikkonformaw mat-tip approvat.

3. L-awtoritajiet kompetenti msemmija fil-paragrafu 2 għandhom jassiguraw, jekk neċessarju f'kooperazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru fejn isseħħ il-fabbrikazzjoni jew jingiebi il-prodott fil-Komunità, li d-dispożizzjonijiet ta' l-Anness VI jibqgħu jiġu osservati.

4. Meta applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip ta' vettura jkollha magħha ċertifikat wieħed jew iktar ta' approvazzjoni tat-tip ta' sistema, unità teknika separata jew ta' komponent maħruġ minn Stat Membru wieħed jew iktar, l-Istat Membru li jikkonduċi l-approvazzjoni tat-tip għal tip ta' vettura għandu jkun obligat jaċċetthom u m'għandux iwettaq, fir-rigward tas-sistemi, l-unitajiet tekniċi separati u/jew komponenti li jkunu ngħataw l-approvazzjoni tat-tip, il-kontrolli meħtieġa mill-paragrafu 1 (b).

5. Kull Stat Membru għandu jkun responsabbli għall-approvazzjoni tat-tip ta' sistema, unità teknika separata jew komponent li jagħti. L-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru li jagħtu approvazzjoni tat-tip għal tip ta' vettura għandhom jikkontrollaw il-konformità tal-produzzjoni, meta neċessarju f'kooperazzjoni ma' daww l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri l-oħra li jkunu ħarġu ċertifikati ta' approvazzjoni tat-tip għal sistemi, unitajiet tekniċi separati jew komponenti.

6. Madankollu, jekk Stat Membru jsib li vettura, sistema, unità teknika separata jew komponent li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 huma madankollu riskju serju għas-sigurtà fit-triq, jista' jirrifjuta li jagħti l-approvazzjoni tat-tip. Għandu minnufih jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni b'dan, b'dikjarazzjoni tar-raġunijiet li fuqhom hi bbażata d-deċiżjoni.



### Artikolu 5

1. L-awtorità kompetenti fi Stat Membru għandha timla l-formola ta' approvazzjoni tat-tip li tinstab fl-Anness III għat-tipi kollha ta' vettura li fir-rigward tagħhom tikkonduċi approvazzjoni tat-tip, u b'żieda ma' dan għandha tagħmel iskrizzjoni tar-riżultati tat-test taħt l-intestaturi rilevanti fuq il-formola annessa mal-formola ta' approvazzjoni tat-tip ta' vettura, li l-mudell tagħha jingħata fl-Anness VII.

2. L-awtorità kompetenti fi Stat Membru għandha timla l-formola ta' approvazzjoni tat-tip li tinsab f' anness jew appendiċi għal kull Direttiva separata rilevanti, għal kull tip ta' sistema, unità teknika separata jew komponent li fir-rigward tiegħu tikkonduċi approvazzjoni tat-tip.

3. Iċ-ċertifikati ta' approvazzjoni tat-tip ta' vettura, sistema, unità teknika separata jew komponent għandhom jiġu enumerati skond il-metodu deskritt fl-Anness V, il-parti A.

### Artikolu 6

1. L-awtorità kompetenti f'kull Stat Membru għandha tgħaddi lil dawk ta' l-Istati Membri l-oħra fi żmien xahar, kopja taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip, flimkien ma' l-annessi għal kull tip ta' vettura li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip jew li jirrifjutaw li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip.

2. L-awtorità kompetenti f'kull Stat Membru għandha tibgħat fix-xahar lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħra, lista ta' approvazzjonijiet tat-tip ta' sistema, unità teknika separata jew komponent, li tkun tat jew irrifjutat li tagħti tul dak ix-xahar.

Barra minn dan, fuq talba ta' awtorità kompetenti ta' Stat Membru ieħor, għandha tibgħat minnufih kopja taċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip flimkien ma' l-annessi għal kull tip ta' sistema, unità teknika separata jew komponent.

### Artikolu 7

1. Ċertifikat ta' konformità, li mudell tiegħu jidher fl-Anness IV-A, għandu jimtela mill-manifattur għal kull vettura prodotta in konformità mat-tip li ġie approvat. Dan iċ-ċertifikat għandu jkun ma' kull vettura. Madankollu, Stati Membri jistgħu jitolbu, wara li jagħtu notifika ta' mill-inqas tlett xhur lill-Kummissjoni u lil Stati Membri oħra, għal raġunijiet ta' tassazzjoni tal-vettura jew sabiex jiffassal id-dokument ta' reġistrazzjoni tal-vettura, li iċ-ċertifikat ta' konformità jikkontjeni dettalji barra minn dawk imsemmija fl-Anness IV-A, sakemm dawk id-dettalji huma inklużi b'mod espliċitu fid-dokument ta' informazzjoni.

Iċ-ċertifikat ta' konformità għandu jkun magħmul b'tali mod li jipprevjeni kull falsifikazzjoni. Għal dan l-iskop, l-istampar għandu jsir fuq karta protetta jew bi grafika kkulurita jew b'marka ta' l-ilma bil-marka ta' identifikazzjoni tal-manifattur tal-vettura.

2. Ċertifikat ta' konformità, li mudell tiegħu jidher fl-Anness IV-B, għandu jimtela mill-manifattur għal kull unità teknika separata

jew komponent mhux oriġinali fabbrikat in konformità mat-tip approvat. Dak iċ-ċertifikat mhuwiex meħtieġ għal unitajiet tekniċi jew komponenti oriġinali separati.

3. Meta l-unità teknika separata jew il-komponent li għandu jiġi mogħti l-approvazzjoni tat-tip iwettaq il-funzjoni tiegħu jew juri karatteristika speċifika biss flimkien ma' komponenti oħra tal-vettura u għal din ir-raġuni konformità ma' hteġa waħda jew iktar tista' tiġi verifikata biss meta l-unità teknika separata jew il-komponent li għandu jiġi approvat jiffunzjona flimkien ma' komponenti oħra tal-vettura kemm jekk reali jew simulati, l-iskop ta' approvazzjoni tat-tip ta' dik l-unità teknika separata jew tal-komponent għandu jkun ristrett b'mod appropjat. Iċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip għal unità teknika separata jew komponent għandu mbagħad jistabilixxi kwalunkwe restrizzjonijiet dwar l-użu u kwalunkwe istruzzjonijiet biex jiġi armat. Konformità ma' dawn ir-restrizzjonijiet u l-ħtiġiet għandha tiġi verifikata meta l-vettura tingħata l-approvazzjoni tat-tip.

4. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 2, it-titolari ta' approvazzjoni tat-tip għal unità teknika separata jew komponent li tkun ingħata taħt l-Artikolu 4 għandu jkun obligat iwaħħal ma' kull unità teknika separata jew komponent ta' dan it-tip iffabbrikati in konformità mat-tip approvat, il-marka tal-fabbrika jew *trade mark* tiegħu, dikjarazzjoni tat-tip u, jekk id-direttiva separata teħtieġ hekk, il-marka ta' approvazzjoni tat-tip imsemmija fl-Artikolu 8. F'dan il-każ ta' l-aħħar, mhuwiex meħtieġ jimla iċ-ċertifikat previst fil-paragrafu 2.

5. Kwalunke titolari ta' ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip għal unità teknika separata jew komponent li, taħt il-paragrafu 3, jikkontjeni restrizzjonijiet dwar l-użu, għandu iforni informazzjoni dettalljata dwar dawk ir-restrizzjonijiet u għandu jagħti istruzzjonijiet ta' armar, meta appropjat, ma' kull unità separata jew komponent iffabbrikat.

6. Kwalunke titolari ta' ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip għal unità teknika separata ta' tagħmir mhux oriġinali, maħruġ in konnessjoni ma' tip wieħed jew iktar ta' vettura, għandu ma' kull unità ta' dan it-tip iforni informazzjoni dettalljata li tippermetti li dawk il-vetturi jiġu identifikati.

### Artikolu 8

1. Kwalunke vettura prodotta in konformità mat-tip li jkun ingħata l-approvazzjoni tat-tip għandu jkollha marka ta' approvazzjoni tat-tip komposta skond is-Sezzjoni 1, is-Sezzjoni 3 u is-Sezzjoni 4 tan-numru ta' approvazzjoni tat-tip, stabbilit fl-Anness V, il-Parti A.

2. Kwalunke unità teknika separata u kwalunke komponent prodott in konformità mat-tip li jkun ingħata l-approvazzjoni tat-tip għandha tinkludi, jekk id-direttiva rilavanti separata tipprovdi hekk, marka ta' l-approvazzjoni tat-tip li tissodisfa l-ħtiġiet stabbiliti fl-Anness V, il-Parti B. In-numru ta' l-approvazzjoni tat-tip elenkat fl-Anness V, il-Parti B, il-paragrafu 1.2. għandu jkun kompost skond is-Sezzjoni 4 tan-numru ta' l-approvazzjoni tat-tip stabbilit fl-Anness V, il-Parti A.

L-informazzjoni li tinsab fil-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tista' tiġi ssupplimentata b'iktar informazzjoni li tippermetti ċerti karatteristiċi li huma speċifiċi għall-unità teknika separata jew għall-komponent in kwistjoni li jiġi identifikat. Dik l-informazzjoni ulterjuri għandha, meta approprjat, tiġi speċifikata fid-direttivi separati dwar dawk l-unitajiet tekniċi separati jew il-komponenti.

#### Artikolu 9

1. Il-manifattur għandu jkun responsabbli għall-fabbrikazzjoni ta' kull vettura jew għall-produzzjoni ta' kull sistema, unità teknika separata jew komponent in konformità mat-tip approvat. Il-waqfien finali tal-produzzjoni jew kwalunkwe bidliet għall-informazzjoni li tinsab fid-dokument ta' informazzjoni għandha tiġi notifikata mit-titolari ta' l-approvazzjoni tat-tip lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru li ħareġ l-approvazzjoni tat-tip.

2. Jekk l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membru msemmi fil-paragrafu 1 jikkunsidraw li bidla ta' dan it-tip ma tinvolti ebda bidla għaċ-ċertifikat eżistenti ta' l-approvazzjoni tat-tip, jew għat-fassil ta' ċertifikat ġdid ta' l-approvazzjoni tat-tip, għandhom jinfurmaw lill-manifattur kif suppost.

3. Jekk l-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru msemmi fil-paragrafu 1 jikkonfermaw li bidla fl-informazzjoni stabbilita fid-dokument ta' l-informazzjoni tiġġustifika kontrolli ġodda jew testijiet ġodda, għandhom jinfurmaw lill-manifattur kif suppost u għandhom iwettqu dawk it-testijiet. Jekk il-kontrolli jew testijiet jinvolvu emendi għaċ-ċertifikat eżistenti ta' approvazzjoni tat-tip jew għat-fassil ta' ċertifikat ġdid, l-awtoritajiet għandhom jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri l-oħra skond l-Artikolu 6.

4. Meta d-dettallji li jidhru fid-dokument ta' informazzjoni għal approvazzjoni ta' vettura jkunu nbidlu, il-manifattur għandu jidher paġni riveduti lill-awtorità ta' approvazzjoni li juru b'mod ċar in-natura tal-bidla u d-data ta' ħruġ mill-ġdid. Biss meta l-bidliet magħmula lid-dokument ta' informazzjoni jinneċessitaw l-emenda ta' iskrizzjoni waħda jew iktar mogħtija fiċ-ċertifikat ta' konformità fl-Anness IV (ħliet il-partiti 19.1 u 45 sa 51 inklużi), għandu jinbidel in-numru ta' referenza fuq id-dokument ta' informazzjoni.

5. Meta ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip jieqaf milli jkollu effett bħala riżultat ta' waqfien finali ta' produzzjoni tat-tip ta' vettura li ġiet approvata jew tas-sistema jew ta' l-unità teknika separata jew tal-komponent li jkun ingħata l-approvazzjoni tat-tip, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru li wettqu dik l-approvazzjoni tat-tip għandhom jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri l-oħra fi żmien xahar.

#### Artikolu 10

1. Jekk l-Istat Membru li jkun ikkonduċa l-approvazzjoni tat-tip isib li vetturi, sistemi, unitajiet tekniċi separati jew komponenti ma jikkonformawx mat-tip approvat, għandu jieħu l-miżuri

neċessarji sabiex jassigura li l-produzzjoni ta' kwalunkwe oġġett li jkun ingħata l-approvazzjoni iat-tip huwa għal darb' oħra in konformità. L-awtoritajiet kompetenti f'dak l-Istat Membru għandhom jinfurmaw lill-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru l-ieħor bil-miżuri meħuda li jistgħu, meta neċessarju, jestendu għall-irtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip.

2. Jekk Stat Membru jsib li vetturi, sistemi, unitajiet tekniċi separati jew komponenti ma jikkonformawx mat-tip approvat, jista' jitlob lill-Istat Membru li jkun ikkonduċa l-approvazzjoni tat-tip sabiex jivverifika l-irregolaritajiet misjuba. Kwalunkwe Stat Membru li jkun ikkonduċa approvazzjoni tat-tip għandu jikkonduċi l-kontroll neċessarju fi żmien sitt xhur wara d-data ta' irċevuta ta' dik it-talba. Fil-każ li jiġi stabbilit nuqqas ta' konformità, l-awtoritajiet kompetenti fl-Istat Membru li jkun ikkonduċa l-approvazzjoni tat-tip għandhom jieħu l-miżuri stabbiliti fil-paragrafu 1.

3. L-awtoritajiet kompetenti fl-Istat I Membri għandhom jinfurmaw lil xulxin, fi żmien xahar, bl-irtirar ta' kwalunkwe approvazzjoni tat-tip mogħtija u bir-raġunijiet għal din il-miżura.

4. Jekk l-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni tat-tip jikkontesta n-nuqqas ta' konformità notifikat lill-Istati Membri involuti għandhom jippruvaw jirrisolvu l-kwistjoni. Il-Kummissjoni għandha tinżamm infurmata u, meta neċessarju, għandu jkollha konsultazzjonijiet approprjati sabiex tilħaq ftehim.

#### Artikolu 11

Waqf li jaġixxi b'maġġoranza kkwalifikata fuq proposta mill-Kummissjoni, il-Kunsill jista' jirrikonoxxi ekwivalenza bejn il-kondizzjonijiet jew id-dispożizzjonijiet għall-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi sistemi, unitajiet tekniċi separati u komponenti stabbiliti b'din id-Direttiva flimkien mad-direttivi separati, u l-proċeduri stabbiliti minn regolamenti internazzjonali jew regolamenti ta' pajjiżi terzi fil-kwadru ta' ftehim multilaterali jew ftehim bilaterali bejn il-Komunità u pajjiżi terzi.

#### Artikolu 12

Jekk Stat Membru jsib li vetturi, sistemi, unitajiet tekniċi separati jew komponenti jikkostitwixxu perikolu għas-sigurtà fit-toroq, għalkemm huma ta' tip approvat, jista', għal perjodu massimu ta' sitt xhur, jipprojbixxi fit-territorju tiegħu il-bejgħ, id-dħul fis-servizz jew l-użu tagħhom. Għandu minnufih jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni, u jagħti raġunijiet għad-deċiżjoni tiegħu.

#### Artikolu 13

Kwalunkwe deċiżjoni li tikkonċerna r-rifjut jew l-irtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip, projbizzjoni fuq il-bejgħ jew l-użu ta' vettura, unità teknika separata jew komponent meħuda skond id-dispożizzjonijiet adottati fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva għandha tiddikjara fid-detall ir-raġunijiet li fuqhom hija bbażata. Għandha tiġi notifikata lill-parti kkonċernata, li

għandha, fl-istess ħin, tkun infurmata bir-rimedji disponibbli taħt il-liġijiet fis-seħħ fl-Istati Membri u bil-limiti taż-żmien permessi għall-eżerċizzju ta' dawn ir-rimedji.

#### Artikolu 14

1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bl-ismijiet u l-indirizzi ta':

- (a) l-awtoritajiet ta' l-approvazzjoni tat-tip u, jekk applikabbli, id-dixxiplini li għalihom l-awtoritajiet huma responsabbli;
- (b) is-servizzi tekniċi li huma approvaw, filwaqt li u jispeċifikaw għal liema proċeduri tat-test kull wieħed minn dawn is-servizzi ġie approvat. Is-servizzi notifikati għandhom jissodisfaw l-i *standards* armonizzati dwar l-operazzjoni ta' laboratorji ta' ttestjar (EN 45001) bla ħsara għall-*provisos* li ġejjin:
  - (i) manifattur ma jstax jiġi approvat bħala servizz tekniku ħlief meta d-Direttiva separata tagħmel dispożizzjonijiet espressi biex dan isir;
  - (ii) għall-iskop ta' din id-Direttiva mhuwiex ikkunsidrat eċċezzjonali għal servizz tekniku li juża tagħmir minn sorsi fuq barra, soġġett għall-ftehim ta' l-awtorità ta' approvazzjoni.

2. Servizz notifikat għandu jiġi presunt li jissodisfa l-*istandard* armonizzat imma, meta approprjat, il-Kummissjoni tista' titlob lil Stati Membri sabiex jipprovdu evidenza ta' sostenn.

Servizzi ta' pajjiż terz ma jstgħux jiġu notifikati bħala servizzi tekniċi approvati ħlief fil-kwadru ta' ftehim bilaterali jew ftehim multilaterali bejn il-Komunità u pajjiżi terzi.

### IL-KAPITOLU III

#### **Kondizzjonijiet marbuta ma' moviment liberu, arranġamenti provviżorji, eżenzjonijiet u proċeduri alternattivi.**

#### Artikolu 15

1. Stati Membri m'għandhomx jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq, il-bejgħ, id-dħul fis-servizz jew l-użu ta' vetturi ġodda li jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Biss vetturi li jikkonformaw ma' din id-Direttiva jstgħu jiġu ppreżentati għal reġistrazzjoni inizjali.

2. Stati Membri m'għandhomx jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq, il-bejgħ jew l-użu ta' unitajiet tekniċi separati jew komponenti ġodda li jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Biss unitajiet tekniċi separati u komponenti li jikkonformaw ma' din id-Direttiva jstgħu jitqiegħdu fis-suq u jinbiegħu għall-ewwel darba għal użu fl-Istati Membri.

3. B'deroga mill-paragrafi 1 u 2:

- (a) Stati Membri jstgħu jeżentaw vetturi, sistemi, unitajiet tekniċi separati u komponenti maħsuba:
  - (i) jew għall-produzzjoni f'serje żgħira sa massimu ta' 200 unità fis-sena għal kull tip ta' vettura, għal kull sistema, għal kull komponent jew għal kull unità teknika separata;
  - (ii) jew għall-forzi armati, aġenziji ta' l-infurzar tal-liġi, servizzi għad-difiża ċivili, il-korpi għat-tifi tan-narjew il-korpi għax-xogħolijiet pubbliċi,

minn konformità ma' kwalunkwe mill-ħtiġiet tad-direttivi separati.

L-Istati Membri l-oħra għandhom ikunu nfurmata b'dawn l-eżenzjonijiet fi żmien xahar minn meta jingħataw. Fi żmien tlett xhur dawn l-Istati Membri għandhom jiddeċiedu jekk jaċċettawx l-approvazzjoni tat-tip għal vetturi li għandhom jiġi reġistrati fit-territorju tagħhom. L-ċertifikat ta' din l-approvazzjoni tat-tip ma jstax ikollu l-intestatura "ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE";

- (b) ċertifikati ta' l-approvazzjoni tat-tip maħruġa flivell nazzjonali qabel is-17 ta' Ġunju 1999 għandhom jibqgħu validi fl-Istati Membri li joħorġuhom għal perjodu ta' erba' snin mid-data li fiha liġijiet nazzjonali huma meħtieġa sabiex jikkonformaw mad-direttivi rilevanti.

L-istess perjodu huwa wkoll estiż għal tipi ta' vetturi, sistemi, komponenti jew entitajiet tekniċi li jikkonformaw mal-ħtiġiet nazzjonali ta' Stati Membri li japplikaw sistemi legiſlattivi oħra minn daww ta' approvazzjoni tat-tip fis-seħħ qabel l-implementazzjoni tad-direttivi rilevanti.

Vetturi koperti b'din l-eżenzjoni ta' l-aħħar jstgħu jitqiegħdu fis-suq, jinbiegħu u jiddaħħlu fis-servizz tul dan il-perjodu b'ebda limitu ta' żmien fuq l-użu tagħhom.

It-tqegħid fis-suq, il-bejgħ u l-użu ta' sistemi, unitajiet tekniċi separati u komponenti għal dawn il-vetturi ma għandu jkollhom ebda limitu ta' żmien.

4. Din id-Direttiva m'għandhiex teffettwa d-dritt ta' l-Istati Membri li jstabilixxu — skond it-Trattat- il-ħtiġiet li huma jikkunsidraw neċessarji sabiex tiġi assicurata l-protezzjoni ta' l-utenti waqt l-użu tal-vetturi in kwistjoni, sakemm dan ma jinvolvi modifika lil dawn il-vetturi.

#### Artikolu 16

1. B'deroga mill-Artikolu 15(1) u (2), u fil-limiti stabbiliti fl-Anness VIII, Stati Membri jstgħu, għal perjodu limitat, jirreġistraw u jippermettu l-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' vetturi ġodda

li jikkonformaw ma' tip ta' vettura li l-approvazzjoni tat-tip tagħha m'għadhiex valida. Din l-għażla għandha tkun limitata għal perjodu ta' 12-il xahar mid-data li fiha l-approvazzjoni tat-tip tilfet il-validità tagħha.

L-ewwel subparagrafu għandu japplika biss għal vetturi li kienu fit-territorju tal-Komunità u kienu akkumpanjati minn ċertifikat validu ta' konformità li kien inħareġ meta l-approvazzjoni tat-tip tal-vettura in kwistjoni kienet għadha valida, imma li ma kienux irreġistrati jew imdaħħla fis-servizz qabel ma l-approvazzjoni tat-tip imsemmija tilfet il-validità tagħha.

2. Qabel ma l-paragrafu 1 jista' jiġi applikat għal tip wieħed jew iktar ta' kategorija partikolari, il-manifattur għandu jissottometti talba lill-awtorità kompetenti ta' kull Stat Membru kkonċernat bid-dħul fis-servizz ta' dawn it-tipi ta' vettura. It-talba għandha tispeċifika ir-raġunijiet tekniċi u/jew ekonomiċi li jiġġustifikawha.

Fi żmien tlett xhur dawn l-Istati Membri għandhom jiddeċiedu jekk, u għal kemm unitajiet, jaċċettaw it-tip ta' vettura kkonċernata għar-reġistrazzjoni fit-territorju tagħhom. Kull Stat Membru kkonċernat bid-dħul fis-servizz ta' dawn it-tipi ta' vettura għandu jkun responsabbli biex jassigura li l-manifattur jikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta' l-Anness VIII. Stati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni kull sena lista ta' eżenzjonijiet mogħtija.

3. Fir-rigward ta' vetturi, komponenti jew unitajiet tekniċi separati li jinkorporaw teknoloġiji jew kunċetti li ma jistgħux, minħabba n-natura speċifika tagħhom jikkonformaw ma' hteġa waħda jew iktar ta' waħda jew iktar mid-Direttivi separati, il-punt (ċ) ta' l-Artikolu 8(2) tad-Direttiva 70/156/KEE għandu japplika.

## IL-KAPITOLU IV

### Proċedura għall-adattament għall-progress tekniku

#### Artikolu 17

Kwalunkwe emendi meħtieġa għall-iskopijiet ta' adattament għall-progress tekniku ta' l-Annessi ma' din id-Direttiva jew id-dispożizzjonijiet tad-direttivi separati msemmija fl-Anness I għandhom jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 18(2).

#### Artikolu 18

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita minn Kumitat għall-Adattament għall-Progress Tekniku, stabbilit bl-Artikolu 13 tad-Direttiva 70/156/KEE (hawnhekk iżjed 'il quddiem magħruf bħala "l-Kumitat").

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċizzjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, b'qies għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċizzjoni 1999/468/KE hu stabbilit għal tlett xhur.

3. Il-Kumitat għandu jadotta r-regoli ta' proċedura tiegħu.

## IL-KAPITOLU V

### Dispożizzjonijiet finali

#### Artikolu 19

Id-Direttiva tal-Kunsill 92/61/KEE għandha titħassar b'effett mid-9 ta' Novembru 2003. Referenzi magħmula għad-Direttiva 92/61/KEE għandhom jinftiehem bħala referenzi għal din id-Direttiva u jinqraw skond it-tabella ta' korrispondenza fl-Anness IX.

#### Artikolu 20

1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ qabel id-9 ta' Mejju 2003 il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Għandhom minnufih jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan.

Meta Stati Membri jadottaw dawn il-miżuri, għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew ikollhom magħhom din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodi li bihom issir din ir-referenza għandhom jiġu stabbiliti mill-Istati Membri.

2. L-Istati Membri għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, mid-9 ta' Novembru 2003. Madankollu, fuq it-talba tal-manifattur il-mudell preċedenti taċ-ċertifikat ta' konformità jista' xorta jintuża għat-12-il xahar ta' wara.

3. Mid-9 ta' Mejju 2003 l-Istati Membri m'għandhomx jipprojbixxu l-ewwel dħul fis-servizz ta' vetturi li jikkonformaw ma' din id-Direttiva.

4. Stati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni it-testi tad-dispożizzjonijiet ewlenija tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-qasam kopert b'din id-Direttiva.

#### Artikolu 21

Din id-Direttiva m'għandhiex tinvalida kwalunkwe approvazzjonijiet mogħtija qabel id-9 ta' Novembru 2003, lanqas tipprevjeni l-estensjoni ta' dawn l-approvazzjonijiet skond it-termini tad-Direttiva li taħtha kienu oriġinarjament mogħtija. Madankollu, mid-9 ta' Novembru 2003 ċertifikati ta' konformità maħruġa mill-manifattur għandhom jikkonformaw mal-mudell speċifika fl-Anness IV.

#### Artikolu 22

Fl-istennija ta' l-armonizzazzjoni ta' sistemi ta' reġistrazzjoni u tassazzjoni fl-Istati Membri fir-rigward ta' vetturi koperti b'din id-Direttiva, Stati Membri jistgħu jużaw sistemi nazzjonali ta'



kodiċi sabiex jiffaċilitaw ir-reġistrazzjoni u t-tassazzjoni fit-territorju tagħhom. Stati Membri jistgħu ukoll jitolbu li ċ-ċertifikat ta' konformità jiġi ssupplimentat bin-numru ta' kodiċi nazzjonali.

*Artikolu 23*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

*Artikolu 24*

Din id-Direttiva hija ndirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-18 ta' Marzu 2002.

*Għall-Parlament Ewropew*

*Il-President*

P. COX

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

M. ARIAS CAÑETE

**LISTA TA' L-ANNESSI**

L-Anness I:	Lista ta' ħtiġiet għall-iskop ta' approvazzjoni tat-tip ta' vettura
L-Anness II:	Dokument ta' informazzjoni
L-Anness III:	Ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE
L-Anness IV:	Ċertifikati ta' konformità
L-Anness V:	L-Enumerar u l-immarkar
L-Anness VI:	Dispożizzjonijiet li jirrigwardaw il-kontroll ta' konformità ta' produzzjoni
L-Anness VII:	Riżultati tat-test
L-Anness VIII:	Vetturi ta' l-aħħar tas-serje
L-Anness IX:	Tabella ta' korrelazzjoni

---

## L-ANNEX I

## LISTA TA' ĦTIĠIET GĦALL-ISKOP TA' APPROVAZZJONI TAT-TIP TA' VETTURA

Il-komponenti u l-karatteristiċi tal-vettura fuq il-lista kompleta hawn taħt huma segwiti b' "CONF" jekk il-konformità tagħhom mad-*data* tal-manifattur għandha tiġi kkontrollata jew b' "SD" jekk il-konformità tagħhom mal-ħtiġiet stabbiliti fil-leġislazzjoni Komunitarja għandha tiġi kkontrollata.

(Kif approprjat, b'kont meħud tal-qasam ta' applikazzjoni u l-aħħar emenda għal kull waħda mid-Direttivi separati elenkati hawn taħt)

Intestatura Nru	Suġġett	Kelma	Numru tad-Direttiva (jekk applikabbli)
1	Għamla	CONF	
2	Tip/varjant/verżjoni	CONF	
3	L-isem u l-indirizz tal-manifattur tal-vettura	CONF	
4	L-isem u l-indirizz tar-rappreżentant awtorizzat tal-manifattur tal-vettura, jekk hemm	CONF	
5	Kategorija ta' vettura (*)	CONF	2002/24/KE
6	Numru ta' roti u l-pożizzjoni tagħhom fil-każ ta' vettura bi tlett roti	CONF	
7	Tpinġija tal-kontorn tal-qafas	CONF	
8	L-isem u l-indirizz tal-manifattur ta' l-magna (jekk differenti mill-manifattur tal-vettura)	CONF	
9	Għamla u d-deskrizzjoni tal-magna	CONF	
10	Tip ta' <i>ignition</i> tal-magna	CONF	
11	Ċiklu operattiv tal-magna (**)	CONF	
12	Tip ta' tkessieħ tal-magna	CONF	
13	Tip ta' lubrifikazzjoni tal-magna (**)	CONF	
14	Numru u konfigurazzjoni ta' ċilindri jew staturi (fil-każ ta' magna bil-pistun idur) fil-magna (**)	CONF	
15	<i>Bore, stroke</i> , il-kapaċità taċ-ċilindru jew il-volum tal-kmamar ta' kombustjoni (fil-każ ta' magna bil-pistun idur) fil-magna (**)	CONF	
16	Tpinġija kompleta tas-sistema ta' induzzjoni fil-magni (**)	CONF	
17	Il-proporzjon ta' kompressjoni tal-magna (**)	CONF	
18	<i>It-torque</i> massimu u l-qawwa netta massima tal-magna, kemm jekk hu:	SD	95/1/KE
	— tat-tip ta' <i>spark ignition</i> jew <i>ignition</i> bil-kompressjoni, jew	CONF	
	— elettriku		
19	Miżuri kontra manuvri ta' abbuż ta' ċiklomuturi u muturi	SD	97/24/KE C7
20	Tank tal-karburant (**)	SD	97/24/KE C6

(\*) Fil-każ ta' vetturi bi propulsjoni doppja, jekk iż-żewġ sistemi ta' propulsjoni huma tali li l-vettura taqa' taħt definizzjoni ta' jew ċiklomutur, triċiklu jew kwadriċiklu bil-mutur, id-definizzjonijiet ta' l-aħħar għandhom japplikaw għaliha.

(\*\*) Vetturi bi propulsjoni elettrika mhumiex soġġetti għall-ħtiġiet li jirrelataw għal din l-intestatura. Dan ma japplikax għal vetturi bi propulsjoni doppja li fihom waħda mis-sistemi ta' propulsjoni hija elettrika u l-oħra termika.

Intestatura Nru	Suġġett	Kelma	Numru tad-Direttiva (jekk applikabbli)
21	Batterija/i ta' trazzjoni	CONF	
22	Il-Karburatur jew sistema oħra ta' forniture ta' karburant lill-magna (tip u għamla) (*)	CONF	
23	Sistema elettrika (vultaġġ nominali)	CONF	
24	Ġeneratur (tip u produzzjoni massima) (*)	CONF	
25	Veloċità massima ddisinjata tal-vettura	SD	95/1/KE
26	Il-Mases u d-dimensjoni	SD	93/93/KEE
27	Mezzi ta' agganċjar u l-agganċjar tagħhom	SD	97/24/KE C10
28	Miżuri kontra t-tniġġis ta' l-arja (*)	SD	97/24/KE C5
29	It-Tyres	SD	97/24/KE C1
30	It-Trasmissjoni	CONF	
31	Is-Sistema tal-ibbrejkar	SD	93/14/KEE
32	L-Installazzjoni ta' mezzi ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl fuq il-vettura	SD	93/92/KEE
33	Mezzi ta' dawl u ta' sinjalazzjoni bid-dawl fuq il-vettura li l-preżenza obbligatorja jew fakultattiva tagħhom hija stabbilita fil-ħtiġiet ta' installazzjoni taħt l-intestatura Nru 32	SD	97/24/KE C2
34	Mezz ta' twissija bil-ħoss	SD	93/30/KEE
35	Il-Pożizzjoni għall-immuntar tal-panċa ta' reġistrazzjoni ta' wara	SD	93/94/KEE
36	Kompatibilità elettromanjetika	SD	97/24/KE C8
37	Il-Livell tal-ħoss u s-sistema ta' l-exhaust (*)	SD	97/24/KE C9
38	Il-Mera(ja) li minnha tista' tara fuq wara	SD	97/24/KE C4
39	Sporġenzi esterni	SD	97/24/KE C3
40	L-I stand (ħlief fil-każ ta' vetturi li għandhom tlett roti jew iktar)	SD	93/31/KEE
41	Mezzi għall-prevenzjoni ta' użu mhux awtorizzat tal-vettura	SD	93/33/KEE
42	Twieqi; wipers tal-windscreen; washers tal-windscreen; mezzi għat-tneħħija tas-silġ u t-tneħħija taċ-ċpar għal ċiklomuturi bi tlett roti, triċikli u kwadriċikli bil-karrozzerija	SD	97/24/KE C12
43	Post fejn iżommu l- passiġġieri ta' vetturi b'żewġ roti	SD	93/32/KEE
44	Punti ta' ankoraġġ għal ċinturini tas-sigurtà u ċinturini tas-sigurtà għal ċiklomuturi bi tlett roti, triċikli u kwadriċikli bil-mutur bil-karrozzerija	SD	97/24/KE C11

(\*) Vetturi bi propulsjoni elettrika mhumiex soġġetti għall-ħtiġiet li jirrelataw għal din l-intestatura. Dan ma japplikax għal vetturi bi propulsjoni doppja li fihom waħda mis-sistemi ta' propulsjoni hija elettrika u l-oħra termika.



Intestatura Nru	Suġġett	Kelma	Numru tad-Direttiva (jekk applikabbli)
45	L-indikatur tal-veloċità	SD	2000/7/KE
46	Identifikazzjoni tal-kontrolli, <i>tell-tales</i> u indikaturi	SD	93/29/KEE
47	Iskrizzjonijiet regolamentarji (il-kontenut, il-lok u l-metodu ta' twaħħil)	SD	93/34/KEE

*Nota*

Id-Direttivi separati jstabilixxu ħtiġiet speċifiċi għal ċiklomuturi b'operazzjoni baxxa, jiġifieri ċiklomuturi bil-pedali, b'magna awżiljari ta' qawwa li ma teċċedix 1 kW u veloċità massima maħsuba li ma teċċedix il-25 km fis-siegħa. Dawn il-karatteristiċi speċifiċi japplikaw b'mod partikolari għall-komponenti u l-karatteristiċi koperti bl-intestaturi Nri 18, 19, 29, 32, 33, 34, 41, 43 u 46 ta' dan l-Anness.

## L-ANNEX II

**DOKUMENT TA' INFORMAZZJONI <sup>(a)</sup>****(Mudell)**

Id-dokumenti kollha ta' informazzjoni f'din id-Direttiva u fid-Direttivi separati għandhom jikkonsistu biss f' estratti minn u jaderixxu għas-sistema ta' enumerazzjoni ta' din il-lista totali.

## PARTI 1

L-informazzjoni li ġejja fuq il-vettura li għandha tiġi mogħtija l-approvazzjoni tat-tip u s-sistemi, l-unitajiet tekniċi separati jew il-komponenti li għandhom jiġu mogħtija l-approvazzjoni tat-tip għandha tiġi fornita fi tliet kopji u jkollha magħha werrej. Kwalunkwe disinj għandhom ikunu f'dettal suffiċjenti fuq u jingħataw fi skala adatta f'format jew jiġu mitwija għal dik id-dimensjoni. Ritratti wkoll għandhom jiġu dettalljati biżżejjed. Meta l-funzjonijiet huma kkontrollati minn mikroproċessuri informazzjoni approprijata li tikkonċerna l-prestazzjoni għandha tiġi pprovduta. Id-dokument ta' informazzjoni għandu jkollu numru ta' referenza fornit mill-applikant.

- A. INFORMAZZJONI LI TIRRELATA KONĠUNTEMENT GĦAL ĊIKLOMUTURI, MUTURI, TRIĊIKLI U KWADRIĊIKLI
0. **Ġenerali**
- 0.1. Għamla: .....
- 0.2. Tip (iddikjara kwalunkwe varjanti u verżonijiet possibbli; kull varjanti u kull verżjoni għandhom jiġu identifikati b'kodiċi li jikkonsisti f' numri jew f'kombinazzjoni ta' ittri u numri): .....
- 0.2.1. Isem kummerċjali (meta applikabbli): .....
- 0.3. Mezz ta' identifikazzjoni tat-tip jekk dikjarat fuq il-vettura <sup>(b)</sup>: .....
- 0.3.1. Il-lok ta' dak il-mezz ta' identifikazzjoni: .....
- 0.4. Kategorija tal-vettura <sup>(c)</sup>: .....
- 0.5. Isem u indirizz tal-manifattur: .....
- 0.5.1. Isem(jiet) u indirizz(i) ta' l-impjanti ta' assemblaġġ: .....
- 0.6. Isem u indirizz tar-rappreżentant awtorizzat tal-manifattur, jekk hemm: .....
- 0.7. Il-Post u l-metodu ta' twaħħil ta' iskrizzjonijiet regolamentari max-chassis: .....
- 0.7.1. L-enumerar serjali tat-tip jibda bin-Nru: .....
- 0.8. Il-lok u l-metodu ta' twaħħil tal-marka ta' approvazzjoni tat-tip għal komponenti u unitajiet tekniċi separati: .....
1. **Arranġament ġenerali tal-vettura**
- 1.1. Ritratti u/jew tpinġijiet ta' vettura tipika: .....
- 1.2. Tpinġija dimensjonali tal-vettura kompleta: .....
- 1.2.1. Bażi tar-rota: .....
- 1.3. Numru ta' fusien u roti (meta approprijat, in-numru ta' passaġġi jew ċinturini crawler): .....
- 1.4. Il-Pożizzjoni u l-arranġament tal-magna: .....
- 1.5. In-Numru ta' pożizzjonijiet ta' bil-qiegħda: .....
- 1.6. In-naħa tas-sewqan - xellug jew lemin <sup>(1)</sup>
- 1.6.1. Il-Vettura hija mgħammra biex tinsaq fuq in-naħa tal-lemin jew tax-xellug tat-traffiku fit-triq <sup>(1)</sup>

2. **Mases** (f'kg) <sup>(2)</sup>
- 2.0. Massa mhux mgħobbija <sup>(d)</sup> <sup>(f)</sup>: .....
- 2.1. Il-massa ta' vettura f'kondizzjoni ta' sewqan <sup>(f)</sup>: .....
- 2.1.1. Id-distribuzzjoni ta' dik il-massa bejn il-fusien: .....
- 2.2. Massa ta' vettura f'kondizzjoni ta' sewqan <sup>(f)</sup>, flimkien mas-sewwieq: .....
- 2.2.1. Id-Distribuzzjoni ta' dik il-massa bejn il-fusien: .....
- 2.3. Il-massa massima teknikament permissibbli dikjarata mill-manifattur: .....
- 2.3.1. Id-Divizzjoni ta' dik il-massa bejn il-fusien: .....
- 2.3.2. Il-massa massima teknikament permissibbli fuq kull waħda mill-fusien: .....
- 2.4. Kapaċità massima ta' startjar fit-tlajja' bil-massa massima permissibbli dikjarata mill-manifattur: .....
- 2.5. Il-Massa massima rmunkata (meta applikabbli): .....
- 2.6. Il-massa massima tal-kombinazzjoni: .....
3. **Il-Magna** <sup>(e)</sup>
- 3.0. Il-Manifattur: .....
- 3.1. Għamla: .....
- 3.1.1. Tip (dikjarat fuq il-magna, jew mezz ieħor ta' identifikazzjoni): .....
- 3.1.2. Il-lok tan-numru tal-magna (jekk applikabbli): .....
- 3.2. Magna li jaqbad bl-ispark jew bil-kompressjoni <sup>(1)</sup>
- 3.2.1. Karatteristiċi speċifiċi tal-magna
- 3.2.1.1. Ċiklu ta' operazzjoni (b'erba' strokes jew bi tnejn, ignition bl-ispark jew bil-kompressjoni) <sup>(1)</sup>
- 3.2.1.2. Numru, arranġament jew ordni ta' tqabbid taċ-ċilindri: .....
- 3.2.1.2.1. Bore: ..... mm <sup>(f)</sup>
- 3.2.1.2.2. Ċiklu: ..... mm <sup>(f)</sup>
- 3.2.1.3. Kapaċità taċ-ċilindri: ..... cm<sup>3</sup> <sup>(g)</sup>
- 3.2.1.4. Il-proporzjon ta' kompressjoni <sup>(2)</sup>: .....
- 3.2.1.5. Tpingġiet tar-ras taċ-ċilindru, tal-pistun(i), taċ-ċrieki tal-pistuni u taċ-ċilindru(i): .....
- 3.2.1.6. Il-Veloċità ta' stennija <sup>(2)</sup>: ..... min<sup>-1</sup>
- 3.2.1.7. Produzzjoni massima netta ta' qawwa: ..... kW at ..... min<sup>-1</sup>
